KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 24.4.2007
KUMM(2007) 209 finali

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM)

li jaddatta l-koeffiċjenti korrettorji li japplikaw għar-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet ta' l-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-motivazzjonijiet u l-għanijiet tal-proposta

Skond l-Artikolu 4 ta' l-Anness XI ta' l-Istatut, l-addattamenti intermedji tar-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 65 ta' l-Istatut jiġu deċiżi, skond l-informazzjoni pprovduta mill-Eurostat, fil-każ ta' varjazzjoni sinifikanti fl-għoli tal-ħajja bejn Ġunju u Diċembru, filwaqt li titqies il-previżjoni ta' l-iżvilupp tal-kapaċità ta' akkwist matul il-perjodu ta' referenza annwali attwali, b'effett mill-1 ta' Jannar.

Jekk ikun meħtieġ, il-proposta tal-Kummissjoni tiġi mgħoddija lill-Kunsill sa mhux aktar tard mit-tieni nofs t'April.

Il-kuntest ġenerali

Skond l-Artikolu 6 ta' l-Anness XI ta' l-Istatut, l-addattamenti jiġu deċiżi għal-lokalitajiet kollha (inkluż Brussell) jekk il-livell minimu ta' sensittività jintlaħaq fi Brussell. Jekk dak il-livell minimu ta' sensittività ma jintlaħaqx, għandhom isiru addattamenti biss għal dawk il-lokalitajiet fejn il-livell minimu jinqabeż.

Skond l-Artikolu 7 ta' l-Anness XI ta' l-Istatut, l-ammont ta' addattament għandu jkun l-Indiċi Internazzjonali ta' Brussell immultiplikat, fejn xieraq, bin-nofs tal-previżjoni ta' l-indikatur speċifiku jekk dan huwa negattiv.

L-indikatur speċifiku jkejjel, bl-inflazzjoni eskluża, l-iżvilupp tar-remunerazzjonijiet netti tal-ħaddiema fis-servizzi pubbliku nazzjonali ta' l-amministrazzjonijiet ċentrali ta' l-Istati Membri. Il-Eurostat iddetermina dan l-indikatur fuq il-bażi ta' l-informazzjoni pprovduta mit-tmien Stati Membri msemmija fil-paragrafu 4 ta' l-Artikolu 1 ta' l-Anness XI.

L-indiċi internazzjonali ta' Brussell ikejjel l-iżvilupp ta' l-għoli tal-ħajja fi Brussell għall-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej. Il-Eurostat iddetermina dan l-indiċi fuq il-bażi ta' l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Belġjani.

Il-koeffiċjenti korrettorji huma ugwali għall-proporzjon bejn il-parità ekonomika relevanti u r-rata tal-kambju korrispondenti msemmija fl-Artikolu 63 ta' l-Istatut, u jekk il-limitu ta' l-addattament ma jintlaħaqx għal Brussell, dan jiġi mmultiplikat bil-valur ta' l-addattament.

Il-paritajiet ekonomiċi għar-remunerazzjonijiet jistabbilixxu l-ekwivalenzi tal-kapaċità ta' akkwist tar-remunerazzjonijiet bejn Brussell, bħala l-belt ta' referenza, u l-lokalitajiet l-oħra kkonċernati. Il-Eurostat ikkalkola dawn il-paritajiet bi qbil ma' l-istituti nazzjonali ta' l-istatistika.

Il-paritajiet ekonomiċi għall-pensjonijiet jistabbilixxu l-ekwivalenzi tal-kapaċità ta' akkwist tal-pensjonijiet bejn il-Belġju, bħala l-pajjiż ta' referenza, u l-pajjiżi l-oħra ta' residenza. Il-Eurostat ikkalkola dawn il-paritajiet bi qbil ma' l-istituti nazzjonali ta' l-istatistika.

Id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-qasam tal-proposta

Din il-proposta tiżdied mal-proposta ppreżentata kull sena biex jiġu addattati r-remunerazzjojnijiet u l-pensjonijiet.

Il-koerenza mal-politika u l-għanijiet l-oħra ta' l-Unjoni

Ma tapplikax.

IL-KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-ANALIŻI TA' L-IMPATT

Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Il-metodi ta' konsultazzjoni użati, is-setturi prinċipali maħsuba u l-profil ġenerali ta' dawk li wieġbu

L-elementi tal-proposta kienu diskussi mar-rappreżentanti ta' l-impjegati skond il-proċeduri fis-seħħ.

Sinteżi tat-tweġibiet riċevuti u tal-mod kif kienu kkunsidrati

Il-proposta tikkunsidra l-opinjonijiet mogħtija mill-partijiet ikkonsultati.

Il-kisba u l-użu ta' għarfien mill-esperti

Ma kienx meħtieġ l-għarfien ta' espert estern.

L-analiżi ta' l-impatt

- Il-proposta għandha l-għan li taddatta r-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet skond il-leġiżlazzjoni fis-seħħ.

- Il-leġiżlazzjoni fis-seħħ ma tippermettix alternattiva oħra.

L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Sommarju ta' l-azzjoni proposta

Skond l-Artikolu 4 ta' l-Anness XI ta' l-Istatut, l-azzjoni proposta għandha l-għan li jaddattaw ir-remunerazzjonijiet fil-lokalitajiet fejn kien hemm varjazzjoni sinifikanti fl-għoli tal-ħajja.

L-iżvilupp ta' l-għoli tal-ħajja għal Brussell, imkejjel bl-Indiċi Internazzjonali ta' Brussell, għall-perjodu minn Ġunju sa Diċembru tas-sena ta' qabel, huwa **0.3%**.

L-iżvilupp fl-għoli tal-ħajja barra l-Belġju u l-Lussemburgu matul il-perjodu ta' referenza jitkejjel bl-indiċi impliċiti kkalkolati mill-Eurostat. Dawn l-indiċi jinħadmu billi l-Indiċi Internazzjonali ta' Brussell ikun immoltiplikat bil-bidla fil-parità ekonomika.

Il-limitu ta' sensittività huwa l-persentaġġ li jikkorrispondi għal 7% għall-perjodu ta' tnax-il xahar (3.5% għall-perjodu ta' sitt xhur).

L-indiċi impliċitu li japplika għar-remunerazzjonijiet jaqbeż il-limitu minimu fil-pajjiżi jew lokalitajiet li ġejjin:

- **Estonja 5.4%.**

L-indiċi impliċitu li japplika għall-pensjonijiet ma jaqbiżx il-limitu għall-ebda pajjiż.

L-addattament intermedju huwa l-Indiċi Internazzjonali ta' Brussell immultiplikat, jekk ikun il-każ, bin-nofs tal-previżjoni ta' l-indikatur speċifiku jekk dan huwa negattiv.

Il-previżjoni ta' l-indikatur speċifiku huwa **- 1.0%,** u b'hekk l-ammont ta' l-addattaent intermedju huwa **-0.2%.**

Il-koeffiċjenti korrettorji huma ugwali għall-proporzjon bejn il-parità ekonomika kkonċernata u r-rata tal-kambju immoltiplikat bl-ammont intermedju ta' l-addattament, jekk il-limitu ta' l-addattament ma jintlaħaqx għal Brussell.

Dawn il-koeffiċjenti jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar. Madankollu, għal dawk il-pajjiżi jew lokalitajiet li għandhom indiċi impliċitu ogħla minn 6.3%, jidħlu fis-seħħ fis-16 ta' Novembru. Għal dawk il-pajjiżi jew lokalitajiet li għandhom indiċi impliċitu ogħla minn 12.6%, jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Novembru.

B'riżultat ta' dan, b'effett mill-**1 ta' Jannar 2007**, il-koeffiċjenti korrettorji li japplikaw għar-remunerazzjoni għal dawk il-pajjiżi jew lokalitajiet li jabqżu l-limitu huma:

- L-Estonja 83.4.

Il-koeffiċjenti korrettorji li japplikaw għall-pensjonijiet u t-trasferimenti jibqgħu l-istess.

Il-bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika hija l-Istatut u b'mod partikolari l-Anness XI tiegħu.

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-proposta tikkonċerna qasam li jaqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta hi konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

- L-Anness XI ta' l-Istatut jistabbilixxi Regolament tal-Kunsill.

- Il-piż finanzjarju jirriżulta direttament mill-applikazzjoni tal-metodu ta' addattament stabbilit fl-Istatut.

L-għażla ta' l-atti

L-Att(i) propost(i): Regolament.

Atti oħra ma kinux ikunu xierqa għar-raġunijiet li ġejjin:

- L-Anness XI ta' l-Istatut jistabbilixxi Regolament tal-Kunsill.

L-IMPATTI FUQ IL-BAĠIT

L-impatt ta' l-addattament tar-remunerazzjonijiet u tal-pensjonijiet fuq in-nefqa amministrattiva u d-dħul huwa ttrattat fid-dettall fir-rapport finanzjarju anness miegħu.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM)

li jaddatta l-koeffiċjenti korrettorji li japplikaw għar-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet ta' l-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut ta' l-uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' l-impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej, stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68[1], b'mod partikolari l-Artikoli 63, 64, 65 u 82 tar-Regolamenti ta' l-Istaff u l-Annessi VII, XI u XIII tagħhom, kif ukoll l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 20, l-Artikoli 64 u l-Artikolu 92 tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' impjegati oħra,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Kien hemm żieda sinifikanti fl-għoli tal-ħajja fl-Estonja fil-perjodu bejn Ġunju u Diċembru u l-koeffiċjenti korrettorji li japplikaw għar-remunerazzjoni ta' l-uffiċjali u impjegati oħra għandhom għalhekk jiġu aġġustati,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'effett mill-1 ta' Jannar 2007, il-koeffiċjenti korrettorji li japplikaw, bis-saħħa ta' l-Artikolu 64 ta' l-Istatut, għar-remunerazzjoni ta' l-uffiċjali u l-impjegati l-oħra fil-pajjiżi u l-lokalitajiet imsemmija hawn taħt, huma stabbiliti kif ġej:

- L-Estonja 83.4.

[1] ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru .... (ĠU L .., …, p. ..).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel,

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. L-ISEM TAL-PROPOSTA:

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM) li jaddatta l-koeffiċjenti korrettorji li japplikaw għar-remunerazzjoni u l-pensjonijiet ta' l-uffiċjali u l-impjegati l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej.

2. QAFAS ABM/ABB (ĠESTJONI SKOND L-ATTIVITÀ/IBBAĠITJAR SKOND L-ATTIVITÀ)

Il-qasam/l-oqsma ta' politika kkonċernat/i u l-Attività/jiet relatati:

L-oqsma u l-attivitajiet huma kollha potenzjalment ikkonċernati.

3. IL-LINJI TAL-BAĠIT

3.1. Il-linji tal-Baġit (linji operattivi u linji relatati ta' għajnuna teknika u amministrattiva (linji antiki B.A.)) inklużi l-intestaturi:

In-nefqa: XX.01.01.01 Kummissjoni u Kapitolu 11 Istituzzjonijiet oħra.

Dħul: 400 – Dħul mit-taxxa fuq is-salarji, il-pagi u l-allowances ta' l-uffiċjali, impjegati oħra u persuni li jirċievu pensjoni, 404 – Dħul mil-levy speċjali fuq is-salarji tal-membri ta' l-istituzzjonijiet, uffiċjali u impjegati oħra b'impieg attiv, 410 – Kontribuzzjonijiet ta' l-istaff għall-iskema tal-pensjoni.

3.2. It-terminu ta' l-azzjoni u ta' l-impatt finanzjarju:

Indefinit

3.3. Il-karatteristiċi tal-baġit (żid ir-ringieli jekk hemm bżonn):

Il-linja tal-baġit	**It-tip ta' nfiq**		**Ġdid**	**Il-kontribuzzjoni ta' l-EFTA**	**Kontribuzzjoniji et minn pajjiżi applikanti**	**L-intestatura fil-perspettiva finanzjarja**
XX.01.01.01 u Kapitolu 11	DNO	CND[2]	LE	LE	LE	Nru [5]

[2] Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

4. IS-SOMMARJU TAR-RIŻORSI

4.1. Ir-riżorsi finanzjarji

4.1.1. Is-sommarju ta' l-approprjazzjonijiet għall-impenji (CA) u l-approprjazzjonijiet tal-ħlas (PA)

miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

It-tip ta' nfiq	It-taqsima Nru		Sena n	n +1	n + 2	n +3	n +4	n + 5 u wara	Total
L-infiq operattiv[3]									
L-Approprjazzjonijiet għall-impenji (CA)	**8.1**	**a**							
L-Approprjazzjonijiet ta' ħlas (PA)		**b**							
In-nefqa amministrattiva fi ħdan l-ammont ta' referenza[4]									
L-Assistenza teknika u amministrattiva – ATA (Mhux obbligatorja)	**8.2.4**	**c**							
L-AMMONT TOTALI TA' REFERENZA									
L-Approprjazzjonijiet għall-Impenji		a+c							
L-Approprjazzjonijiet għall-Ħlas		b+c							
L-infiq amministrattiv mhux inkluż fl-ammont ta' referenza[5]									
Ir-riżorsi umani u spejjeż assoċjati (Mhux obbligatorji)	**8.2.5**	**d**	**0,037**	**0,037**	**0,037**	**0,037**	**0,037**	**0,037**	**Mhux disponibbli**
L-ispejjeż amministrattivi, minbarra r-riżorsi umani u l-ispejjeż relatati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (Mhux obbligatorju)	**8.2.6**	**e**							

[3] Infiq li ma jaqax taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titolu xx ikkonċernat.

[4] Infiq li jaqa' taħt l-Artikolu xx 01 04 tat-Titolu xx.

[5] Infiq li jaqa' taħt il-Kapitolu xx 01 minbarra l-Artikoli xx 01 04 jew xx 01 05.

Total indikattiv ta' l-ispiża finanzjarja ta' l-intervent

CA TOTALI inkluži l-ispejjeż tar-riżorsi umani		**a+c +d+ e**	**0,037**	**0,037**	**0,037**	**0,037**	**0,037**	**0,037**	**Mhux disponibbli**
PA TOTALI inkluži l-ispejjeż tar-riżorsi umani		**b+c +d+ e**	**0,037**	**0,037**	**0,037**	**0,037**	**0,037**	**0,037**	**Mhux disponibbli**

Id-dettalji tal-kofinanzjament

Jekk il-proposta tinvolvi kofinanzjament mill-Istati Membri, jew minn entitajiet oħra (jekk jogħġbok speċifika liema), għandha tkun indikata stima tal-livell ta' dan il-kofinanzjament fit-tabella hawn taħt (jistgħu jiżdiedu aktar linji jekk ikunu previsti aktar organizzazzjonijiet għall-forniment tal-kofinanzjament):

miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

L-organizzazzjoni tal-kofinanzjament		**Sena n**	**n + 1**	**n + 2**	**n + 3**	**n + 4**	**n + 5 u snin ta' wara**	**Total**
……	**f**							
CA TOTALI inkluži l-kofinanzjament	**a+c+ d+e+f**							

4.1.2. Il-kompatibbiltà ma' l-ipprogrammar finanzjarju

X Il-proposta hija kompatibbli ma' l-ipprogrammar finanzjarju eżistenti.

☐ Din il-proposta se tinvolvi l-ipprogrammar mill-ġdid ta' l-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.

☐ Il-proposta tista' teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali[6] (jiġifieri, l-istrument tal-flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

4.1.3. L-impatt finanzjarju fuq id-dħul

☐ Il-proposta m'għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul

X L-impatt finanzjarju - l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

[6] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

miljuni ta' EUR (sa punt deċimali wieħed)

Il-linja tal-baġit	Id-dħul	Qabel l-azzjoni [Sena n-1]	Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni [Sena n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5][7]
410 Kontribuzzjoni tal-Pensjoni	*a)Id-dħul f'termini assoluti*	0,100	0,105	0,105	0,105	0,105	0,105	0,105
	b) Tibdil fid-dħul	Δ	0,005	0,005	0,005	0,005	0,005	0,005
400 Taxxa	*a)Id-dħul f'termini assoluti*	0,072	0,076	0,076	0,076	0,076	0,076	0,076
	b) Tibdil fid-dħul	Δ	0,004	0,004	0,004	0,004	0,004	0,004
404 Imposta speċjali	*a)Id-dħul f'termini assoluti*	0,009	0,010	0,010	0,010	0,010	0,010	0,010
	b) Tibdil fid-dħul	Δ	0,001	0,001	0,001	0,001	0,001	0,001

(Jekk jogħġbok speċifika kull linja tad-dħul tal-baġit, u żid in-numru xieraq ta' ringieli mat-tabella jekk ikun hemm effett fuq aktar minn linja waħda tal-baġit.)

4.2. Ir-Riżorsi Umani ta' l-FTE (jinkludu uffiċjali, u impjegati temporanji u esterni) - ara d-dettall taħt il-punt 8.2.1.

Ir-rekwiżiti annwali	Sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u snin ta' wara
Għadd totali ta' riżorsi umani						

5. IL-KARATTERISTIĊI U L-GĦANIJIET

Fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni jeħtieġ li jkun hemm id-dettalji tal-kuntest tal-proposta Din it-taqsima tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva għandha tinkludi l-informazzjoni komplementari speċifika li ġejja:

5.1. Implimentazzjoni meħtieġa fi żmien qasir jew fuq tul ta' żmien

Obbligu Statutorju.

5.2. Il-valur miżjud ta' l-involviment mill-Komunità u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħrajn u s-sinerġija possibbli

Mhux applikabbli.

[7] Jekk ikun hemm bżonn għandhom jiżdiedu aktar kolonni, jiġifieri jekk l-azzjoni ddum aktar minn 6 snin.

5.3. L-għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ta' l-ABM

Mhux applikabbli.

5.4. Il-metodu ta' l-implimentazzjoni (indikattiv)

Indika hawn taħt il-metodu/i[8] magħżul/a biex l-azzjoni tiġi implimentata.

☐ **Il-ġestjoni ċentralizzata**

X direttament mill-Kummissjoni: PMO

☐ indirettament b'delega lil:

☐ aġenziji eżekuttivi

☐ entitajiet imwaqqfa mill-Komunitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju,

☐ entitajiet fis-settur pubbliku nazzjonali/entitajiet b'missjoni fis-servizz pubbliku.

☐ **Il-ġestjoni konġunta jew deċentralizzata**

☐ ma' Stati Membri

☐ ma' pajjiżi terzi

☐ **Il-ġestjoni *konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika)***

Kummenti rilevanti: Metodu tal-kalkolu: Aġġustament = Twettiq fl-2007 x 5.4%. Il-miżura tinvolvi 17-il persuna fl-Estonja.

6. IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI

6.1. Is-sistema ta' monitoraġġ

Mhux applikabbli.

6.2. L-evalwazzjoni

6.2.1. L-evalwazzjoni ex-ante

Mhux applikabbli.

[8] Jekk ikun indikat aktar minn metodu wieħed jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji addizzjonali fit-taqsima tal-"Kummenti Rilevanti" ta' dan il-punt

6.2.2. Il-miżuri meħuda wara evalwazzjoni interim/*ex-post* (it-tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi)

Mhux applikabbli.

6.2.3. It-termini u l-frekwenza ta' l-evalwazzjonjiet fil-ġejjieni

Evalwazzjoni fl-aħħar tar-raba' sena minn Lulju 2004.

7. IL-MIŻURI KONTRA L-FRODI

Mhux applikabbli.

8. ID-DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. L-għanijiet tal-proposta f'termini ta' l-ispiża finanzjarja tagħhom

Approprjazzjonijiet ta' impenji f'miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

(Għandhom ikunu pprovduti l-intestaturi ta' l-għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati)	**Tip ta' riżultat**	**Nefqa medja**	**Sena n**		**Sena n+1**		**Sena n+2**		**Sena n+3**		**Sena n+4**		**Sena n+5 u wara**		**TOTAL**	
			Numru ta' riżultati	Nefqa totali	Numru ta' riżultati	Nefqa totali	Numru ta' riżultati	Nefqa totali	Numru ta' riżultati				Numru ta' riżultati	Nefqa totali	Numru ta' riżultati	Nefqa totali
L-GĦAN OPERATTIV Nru 1[9]...																
Azzjoni 1.....																
-Riżultat 1																
-Riżultat 2																
Azzjoni 2.....																
-Riżultat 1																
Sub-total Għan Nru 1																

[9] Kif deskritt f'Sezzjoni 5.3.

GĦAN OPERATTIV Nru 2.....																
Azzjoni 1.....																
-Riżultat 1																
Sub-Total Għan Nru 2																
GĦAN OPERATTIV Nru n																
Sub-Total Għan n																
NEFQA TOTALI																

8.2. In-Nefqa Amministrattiva

8.2.1. Numru u tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' karigi		Impjegati li ser ikunu assenjati għall-amministrazzjoni ta' l-azzjoni permezz tar-riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali (**għadd ta' karigi/FTE**)					
		Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5
Uffiċjali jew impjegati temporanji[10] (XX 01 01)	A*/ AD						
	B*, C*/ AST						
Impjegati iffinanzjati[11] mill-Artikolu XX 01 02							
Impjegati oħra iffinanzjati[12] mill-Artikolu XX 01 04/05							
TOTAL							

8.2.2. Id-deskrizzjoni tal-kompiti li jirriżultaw mill-azzjoni

8.2.3. Is-sorsi tar-riżorsi umani (impjegati koperti mill-Istatut)

(Fejn ikun dikjarat aktar minn sors wieħed, jekk jogħġbok indika l-għadd ta' karigi li joriġinaw minn kull sors)

- ☐ Karigi attwalment allokati għall-ġestjoni tal-programm li ser ikun mibdul jew estiż
- ☐ Karigi allokati minn qabel fi ħdan l-eżerċizzju ta' l-APS/PDB għas-sena n
- ☐ Karigi li għandhom jintalbu fil-proċedura ta' l-APS/PDB li jmiss
- ☐ Karigi li ser jerġgħu jingħataw billi jintużaw ir-riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ikkonċernat (trasferimenti interni)
- ☐ Karigi meħtieġa għas-sena n għalkemm mhux previsiti fl-eżerċizzju ta' l-APS/PDB tas-sena kkonċernata

[10] Li n-nefqa tagħhom MHIJIEX koperta mill-ammont ta' referenza.
[11] Li n-nefqa tagħhom MHIJIEX koperta mill-ammont ta' referenza.
[12] Li n-nefqa tagħhom hija inkluża fl-ammont ta' referenza

8.2.4. Nefqa amministrattiva oħra inkluża fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 – Nefqa fuq ġestjoni amministrattiva)

miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

Il-linja tal-baġit In-numru u l-intestatura	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara	TOTAL
1. Għajnuna teknika u amministrattiva (inkluża n-nefqa relatata ma' l-impjegati)							
L-Aġenziji eżekuttivi[13]							
L-Għajnuna teknika u amministrattiva oħra							
- *intra muros*							
- *extra muros*							
L-Għajnuna teknika u amministrattiva totali							

8.2.5. L-ispiża finanzjarja tar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati mhux inklużi fl-ammont ta' referenza

miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

It-tip ta' riżorsi umani	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara
Uffiċjali u impjegati temporanji (XX 01 01)						
Impjegati ffinanzjati bl-Artikolu XX 01 02 (awżiljarji, DNEs, impjegati bil-kuntratt, eċċ.) (speċifika l-linja tal-baġit)						
In-nefqa totali tar-riżorsi umani u nfiq assoċjat (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)						

Kalkolu - ***Uffiċjali u aġenti temporanji***

Għandha ssir referenza għal punt 8.2.1, jekk applikabbli

[13] Għandha ssir referenza għad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva speċifika għall-Aġenzija/i Eżekuttiva/i konċernata/i.

Kalkolu – ***Impjegati ffinanzjat mill-Artikolu XX 01 02***

Għandha ssir referenza għal punt 8.2.1, jekk applikabbli

8.2.6. Nefqa amministrattiva oħra li mhux inkluża fl-ammont ta' referenza

miljuni ta' EUR (sa 3 punti deċimali)

	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u wara	TOTAL
XX 01 02 11 01 - Missjonijiet							
XX 01 02 11 02 - Laqgħat u Konferenzi							
XX 01 02 11 03 –Kumitati[14]							
XX 01 02 11 04 - Studji u konsultazzjonijiet							
XX 01 02 11 05 – Sistemi ta' informatika							
2. 2 Total ta' l-Ispejjeż l-oħra ta' Tmexxija (XX 01 02 11)							
3. Spejjeż oħra ta' natura amministrattiva (speċifika u inkludi referenza għal-linja tal-baġit)							
Total ta' l-ispejjeż amministrattivi, għajr ir-riżorsi umani u nfiq assoċjat (MHUX inkluż fl-ammont ta' referenza)							

Kalkolu - ***Nefqa amministrattiva oħra li <u>mhux</u> inkluża fl-ammont ta' referenza***

[14] Speċifika t-tip ta' kumitat kif ukoll il-grupp li jaħmel parti minnu.